# QORTI ĊIVILI
# PRIM AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta**
**Sitta u għoxrin (26) ta' Novembru 2019**

**Rikors Numru 1069/15 FDP**

Fl-ismijiet

**Michelle Muscat (ID 396268M)**

**Vs**

**Errol Cassar (ID 153744M), Violet Cassar (ID 942745M) u Noel Mifsud (ID 550574M)**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 12 ta' Novembru 20185 li permezz tiegħu r-rikorrenti talbet is-segwenti:

    1. *Illi r-rikorrenti esponenti għandha kirja ta' l-avvjament u tan-negozju li huwa ġestit minn La Vela Restuarant li jinsab fl-Imsida Marina, ix-Xatt tal-Imsida, tal-Pieta'. Din il-kirja tkopri ukoll makkinarju, impjant, attrezzaturi, għamara u utensili marbuta man-negozju u li jinsabu elenkati u deskritti f'inventarju unit mal-kuntratt ta' kiri.*

    2. *Illi fil-kors taż-żmien ir-rikorrenti esponenti żiedet jew bidlet xi makkinarju, xi impjant, xi attrezzaturi, xi għamara u xi utensili li għalihom ħallset hi u li allura huma propjeta' tagħha.*

3. *Illi fit-22 ta' Settembru, 2014 waqt li hija kienet imsiefra ġie servut u notifikat f'idejn il-konvenut Noel Mifsud, li fl-assenza tagħha kien jinsab fl-imsemmi La Vela Restaurant, Mandat ta' Qbid kawtelatorju li jġib in-Numru 1943/14 fl-ismijiet Errol Cassar u Violet Cassar u Noel Mifsud u li kellu indikat bħala wieħed mill-postijiet għall-finijiet ta' eżekuzzjoni l-fond La Vela Restuarant li kif fuq spjegat huwa ristorant fil-pussess esklussiv tar-rikorrenti esponenti u li huwa ġestit minnha. Kopja tal-imsemmi Mandat ta' Qbid Kawtelatorju ġiet eżebita u mmarkata bħala Dokument MM 1.*

4. *Illi il-konvenut Noel Mifsud irrifuta li sseħħ l-eżekuzzjoni tal-imsemmi Mandat ta' Qbid kawtelatorju billi spjega li l-fond in kwistjoni (La Vela Restaurant) kien mikri lir-rikorrenti esponenti. Ġiet eżebita nota tal-marixxalli eżekuttanti fejn ġie reġistrat dak li l-konvenut Noel Mifsud ikkomunika lill-Marixall eżekuttanti. Din in-nota ġiet mmarkata bħala Dokument MM2.*

5. *Illi konsegwenza ta' dina in-nota l-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati (Malta) fit-23 ta' Settembru, 2014 tat digriet fejn ordnat lill-Marixxalli sabiex jerġgħu jaċċedu fil-fond La Vela Restaurant sabiex jeżegwixxu il-Mandat ta' Qbid Kawtelatorju fuq l-oġġetti li jinsabu fl-istess fond. Kopja tad-digriet ġiet eżebita u mmarkata bħala Dokument MM3.*

6. *Illi fit-30 ta' Ottubru, 2014 seħħet l-eżekuzzjoni tal-imsemmi Mandat ta' Qbid Kawtelatorju f'La Vela Restaurant kif jirriżulta mid-dokument li ġie eżebit u mmarkat bħala Dokument MM4, liema dokument tħalla mal-konvenut Noel Mifsud kif jirriżulta mill-istess dokument.*

7. *Illi fit-2 ta' Ottubru, 2014 ir-rikorrenti esponenti resqet talba quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) (Avviż Numru 331/2014 GV) sabiex l-eżekuzzjoni tal-imsemmi Mandat ta' Qbid Kawtelatorju tiġi mwaqqfa. Segwitu għal din it-talba l-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati (Malta) appuntat ir-rikors għas-smiegħ u wara li semgħet ix-xhieda għaddiet biex tagħti sentenza li fiha ddeċidiet li l-proċeduri istitwiti mir-rikorrent esponenti kienu irriti u nulli għax it-talba imressqa mir-rikorrenti esponenti ma kellhiex tkun sabiex titwaqqaf l-eżkeuzzjoni iżda dik għar-revoka tal-Mandat ta' Qbid de quo.*

8. *Illi l-imsemmi Mandat ta' Qbid Kawtelatorju għandu l-iskop u allura għandu jkollu l-funzjoni li jikkolpixxi biss oġġetti u assi li huma proprejeta tad-debitur u konvenut fdin il-kawża, Noel Mifsud u għalhekk ma jistax u ma għandux jikkolpixxi oġġetti u proprjeta' ta' terżi f'dan il-każ oġġetti appartenenti u proprjeta' tar-rikorrenti esponenti Michelle Muscat jew parti mill-kirja konċessa lilha.*

*9. Illi l-oġġetti kollha maqbuda u elenkati fid-Dokument MM4 jiffurmaw jew parti mill-kirja jew huma proprjeta' esklussiva tar-rikorrenti esponenti u dan kif sejjer jiġi ppruvat fil-kors tas-smiegħ tal-kawża.*

*10. Illi konsegwentement ir-rikorrenti esponenti għandha kull interess u għandha kull dritt fil-Liġi li tipproteġi l-proprjeta' li tappartjeni esklussivament lilha, minn kull tentattiv jew minn kull azzjoni li permezz tagħhom l-proprjeta li tappartjeni esklussivament lilha jew li tappartjeni lill-kirja konċessa lilha minn terzi, tiġi attakata, preġudikata u pperikolata bl-ispedizzjoni u l-konsegwenti eżekuzzjoni ta' xi Mandat bħal ma huwa il-Mandat ta' Qbid suriferit. li għandu biss il-funzjoni li jikkolpixxi propjeta' ta' debitur li ma hux ir-rikorrenti esponenti.*

*11. Illi għalhekk sabiex jiġu protetti u salvagwardati l-interessi leġittimi tar-rikorrenti esponenti jinħtieġ li ssir din il-kawża.*

*Għaldaqstant ir-rikorrenti esponenti umilment titlob lil dina l-Onorabbli Qorti għar-raġunijiet premessi jogħġobha:*

*(1) tallega l-atti tal-proċess quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati (Malta) (Avviż Numru 331/2014) fl-ismijiet "Fl-Atti tal-Mandat ta' Qbid Nru.1943/14 fl-ismijiet: Errol Cassar u Violet Cassar vs Noel Mifsud; u*

*(2) prevja dikjarazzjoni li l-oġġetti maqbuda, deskritti u elenkati fid-dokument redatt u iffirmat mill-Marixxalli eżekuttanti (Dokument MM4) ma humiex proprjeta' tal-konvenut Noel Mifsud iżda huma proprjeta' esklussiva tar-rikorrenti esponenti jew jiffurmaw parti mill-kirja konċessa esklussivament lilha u konsegwentement ma għandhomx ikunu kolpiti fl-effetti tal-imsemmi Mandat ta' Qbid Kawtelatorju u l-eżekuzzjoni konsegwenti tiegħu, tirrevoka l-Mandat ta' Qbid Kawtelatorju numru: 1943/14 fl-ismijiet: Errol Cassar (K.I. 153744M) u Violet Cassar (K.I. 942745M) versus Noel Mifsud (K.I. 550574M) u tirrevoka l-eżekuzzjoni tal-istess Mandat ta' Qbid Kawtelatorju magħmula fit-30 ta' Settembru, 2014, in kwantu dan jikkolpixxi u jeffettwa oġġetti li jappartjenu esklussivament lir-rikorrenti esponenti jew lill-kirja esklussivament konċessa lilha u mhux oġġetti proprjeta' tad-debitur il-konvenut Noel Mifsud u konsegwentement tordna r- rilaxx tal-oġġetti maqbuda favur ir-rikorrenti esponenti.*

*Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti li minn issa huma nġunti għas-subizzjoni.*

2. Rat illi fit-2 ta' Frar 2012, l-intimati Errol u Violet Cassar wieġbu għal dak miltub billi qajjmu s-segwenti difiżi:

*1. Illi preliminarjament, it-talbiet attriċi għandhom jiġu respinti bl-ispejjeż minn dina l-Onorabbli Qorti in kwantu illi din il-Qorti ma għandhiex kompetenza ratione materiae sabiex teżamina t-talbiet u tiddeċiedi dwarhom. Il-proċeduri odjerni jirrigwardaw att kawtelatorju maħruġ*

*mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) b'dan illi hekk kif huwa ben stabbilit mill-ġurisprudenża nostrana, u speċifikament tenut mil-liġi tal-pajjiż, kull talba fir-rigward ta' l-istess mandat li ssir mill-persuna kontra min ikun inħareg l-att jew xi persuna oħra interessata, għandha issir biss lil dik il-qorti li tkun ħarġet dak l-att;*

2. *Illi wkoll in linea preliminari, u mingħajr preġudizzju għas-sueċċepit, it-talbiet attriċi għandhom jiġu respinti bl-ispejjeż stante l-irregolarita' u l-irritwalita' ta' l-istess u dan in kwantu illi l-istess talbiet huma inkompattibli meta fuq naħa waħda qed tintalab ir-revoka tal-mandat u fuq in-naħa l-oħra qiegħda tintalab ir-revoka ta' l-eżekuzzjoni;*

3. *Illi wkoll in linea preliminari, u mingħajr preġudizzju għas-sueċċepit, l-attriċi Michelle Muscat ma għandhiex l-interess ġuridiku meħtieġ mil-liġi sabiex titlob ir-revoka tal-mandat stante illi l-istess rimedju huwa applikabbli biss lil persuna li kontriha jinħareġ l-att;*

4. *Illi wkoll in linea preliminari, u mingħajr preġudizzju għas-sueċċepit, it-talbiet attriċi għandhom jiġu respinti bl-ispejjeż minn dina l-Onorabbli Qorti stante illi jirrigwardaw mertu ġia eżawrit mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fid-deċiżjoni tat-23 ta' April 2015, rikors numru 331/14VG, kopja ta' liema deċiżjoni ġiet annessa u mmarkata bħala 'EC1', u għalhekk dawn l-istess proċeduri jmorru kontra l-prinċipju ben stabbilit ta' ne bis in idem',*

5. *Illi fil-mertu, u mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet preliminari, it-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt, hekk kif għandu jirriżulta kjarament mill-provi u mix-xhieda tul il-mori tal-proċeduri odjerni, u inter alia, minħabba s-segwenti raġunijiet:-*

    a. *Irċevuti ppreżentati mill-attriċi stess fil-mori ta' proċeduri identiċi quddiem l- Onorabbli Qorti tal-Maġistrati (Malta) u fuq talba tad-difensur ta' l-esponenti juru kjarament illi l-oġġetti huma tad-debitur Noel Mifsud, kopji ta' liema fatturi ġew annessi u mmarkati kollettivament bħala 'EC2';*

    b. *Kopja ta' skrittura privata dwar il-kirja u l-avvjament tal-fond fejn jinsabu l-oġġetti li fuqhom saret l-eżekuzzjoni tal-mandat, ippreżentata mill-attriċi stess fil-mori tal-proċeduri quddiem l-Qorti tal-Maġistrati fuq talba tad-difensur ta' l-esponenti, turi kjarament illi d-debitur Noel Mifsud għandu sehem attiv fil-ġestjoni tal-fond kummerċjali, kopja ta' liema skrittura ġiet annessa u mmarkata bħala 'EC3'. Fuq din l-iskrittura, minflok kliem li jidher ingassat issa hemm imniżżel isem l-attriċi, iżda ħarsa lejn it-tieni paġna ta' din l-iskrittura wieħed jsib il-kliem ingassat 'Noi Tre Co. Limited' - minn riċerka sempliċi fir-reġistru tal-kumpaniji jirriżulta illi propju d-debitur u l-intimat*

*Noel Mifsud għandu interess sostanzjali f'din is-soċjeta' in kwantu illi huwa kemm direttur u kemm azzjonista - kopja ta' dokumenti mniżżla mis-sit tar-re;istru tal- kumpaniji ġew annessi u mmarkati bħala 'EC4';*

c. *Jirriżulta bl-aktar mod ċar illi d-debitur Noel Mifsud għandu sehem attiv fil-ġestjoni tal-fond in kwistjoni anke mir-rikors ġuramentat ta' l-attriċi stess, u senjatament minn dak li jingħad fi premessi numru tlieta (3) u erbgħa (4) ta' l-istess rikors ġuramentat promotur, fejn l-attriċi stess issostni, bil-ġurament, li fin-nuqqas tagħha, kien propju d-debitur Noel Mifsud li kellu f'idejh il-ġestjoni tal-fond kummerċjali, u dan anke kif jirriżulta min-nota tal-marixxall tat-23 ta' Settembru 2014 ippreżentata mill-attriċi stess mar-rikors ġuramentat promotur. Il-kontenut ta' din in-nota waħdu jimmerita li jitmexxew proċeduri ta' disprezz mir-Reġistratur tal-Qorti fil-konfront tad-debitur Noel Mifsud illi ttenta jwaqqaf l-eżekuzzjoni ta' mandat minn uffiċjal tal-Qorti, meta l-liġi appositament tipprovdi illi l-ebda opposizzjoni għal eżekuzzjoni ta' mandat ma tista' ssir qabel l-eżekuzzjoni tiegħu. Wieħed ma jiskantax b'din id-disposizzjoni tal-liġi, u ċertament illi l-intiżi tal-leġislatur kien wieħed illi jissalvagwardja lill-kreditur mir-riskju li jiġi ppreġudikat billi jiġu mneħħija l-oġġetti mid-debitur qabel issir l-eżekuzzjoni fuqhom, kif hemm il-possibbilita' li ġara f'din iċ-ċirkostanza. Fuq kollox l-mandat inħareġ sabiex jikkawtela pretensjoni leġittissima ta' l-esponenti, li, fil-mori ġew kanonizzati krédituri tad-debitur anke mill-Qorti ta' l-Appell b'sentenza tat-tlettax (13) ta' Jannar 2016 u li minflok tħallsu dak li huwa ben dovut lilhom u ġie rrevokat il-mandat de quo stante pagament, kif raġjonevolment kellu jsir, spiċċaw inkorrew spejjeż akbar ffaċċjati b'din il-kawża li ma hi xejn għajr tentattiv frivolu, vessatorju u temerarju mill-attriċi b'kompliċita' mad-debitur Noel Mifsud fil-konfront ta' l-esponenti!*

*Għaldaqstant, għar-raġunijiet hawn imsemmija u hekk kif ser jiġi elaborat matul is-smiegħ tal-proċeduri odjerni, t-talbiet tar-rikorrenti Michelle Muscat għandhom jiġu miċħuda fit-totalita' tagħhom minn dina l-Onorabbli Qorti prevja kwalsiasi provvedimenti illi jidhrilha xierqa u opportuni fiċ-ċirkostanzi.*

3. Rat illi fl-24 ta' Frar 2016, l-intimat Noel Mifsud ġie dikjarat kontumaċi stante illi, għalkemm notifikat, kien naqas milli jirrispondi.

4. Rat illi fil-25 ta' Ottubru 2016, din il-Qorti, diversament ippresjeduta, ċaħdet l-ewwel erbgħa eċċezzjonijiet preliminari ta' l-intimati konjugi Cassar u l-kawża tkompliet għall-provi fuq il-meritu.

5. Rat il-provi prodotti, ossija s-segwenti:

    a. Ix-xhieda ta' Michelle Muscat mogħtija fl-10 ta' Jannar 2017. (fol 76);
    b. Ix-xhieda ta' Noel Mifsud mogħtija fit-18 ta' Mejju 2017. (fol 81);
    c. Ix-xhieda ta' Errol Cassar mogħtija fl-24 ta' Jannar 2018. (fol 104)
    d. Ix-xhieda ulterjuri ta' Errol Cassar mogħtija fit 8 ta' Mejju 2018 (fol 232)

6. Rat is-sottomissjonijet bil-miktub tar-rikorrenti ippreżentati fit-23 ta' Awissu 2018.

7. Rat is-sottomissjonijiet ta' l-intimati Errol u Violet Cassar ippreżentati fit-12 ta' Frar 2019.

8. Rat illi dina l-Qorti, kif komposta, ħadet konjizzjoni tal-każ u l-atti fl-14 ta' Ottubru 2019, u wara illi saret it-trattazzjoni orali tal-abbli difensuri taż-żewġ partijiet, il-kawża tħalliet għas-sentenza għal-lum.

## **<u>Fatti</u>**

9. Jirriżulta illi l-intimati Errol u Violet Cassar kienu jikru garage lill-intimat Noel Mifsud u kellhom pretensjoni kontra l-istess Noel Mifsud stante illi, minkejja li kien ordnat jiżgombra mill-garage mill-Bord tal-Kera u l-Qorti tal-Appell, fis-16 ta' Ottubru 2014 u fit-13 ta' Jannar 2016 rispettivament, kif ukoll ordnat iħallas €4,800 f'danni, huwa la żgombra mill-fond u wisq anqas ħallas id-danni likwidati, u għalhekk huma kellhom pretensjoni kontra l-istess Noel Mifsud.

10. Jirriżulta illi r-rikorrenti Michelle Muscat, fil-31 ta' Diċembru 2008, akkwistat, taħt titolu ta' kiri, l-ażjenda kummerċjali bl-isem, dak iż-żmien, ta' 'Sapore di Mare', li kien avvjament u negozju ta' fond, ossija snack bar/bar ġewwa l-kumpless ta' l-Imsida Marina, Msida, liema ħanut hija eventwalment biddlitlu l-isem għal '*La Vela Restaurant*'.

11. Jirriżulta illi r-rikorrenti Michelle Muscat u l-intimat Noel Mifsud kellhom relazzjoni flimkien, liema relazzjoni kienet, madankollu, intemmet fis-sena 2011, kif stqarret kemm quddiem dina l-Qorti[1], kif ukoll quddiem il-Qorti tal-Maġistrati f'proċedura minnha mibdija għas-sospensjoni ta' eżekuzzjoni ta' Mandat ta' Qbid[2].

12. Jirriżulta illi, fit-18 ta' Settembru 2014, ossija ftit qabel ma ingħatat is-sentenza mill-Bord tal-Kera fuq imsemmija, l-intimati Errol u Violet Cassar intavolat Mandat ta' Qbid Nru 1943/2014 kontra Noel Mifsud quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta), u dan għas-somma ta' €5,000 filwaqt illi talbu li dana jiġi eżegwit ġewwa l-garage li minnu huwa kienu qed jitolbu li jiġi żgumbrat, kif ukoll ġewwa l-ħanut La Vela Restaurant.[3]

---

[1] Vide fol 76
[2] Vide fol 167
[3] Vide fol 110

13. Jirriżulta illi dawn il-Marixxalli tal-Qorti marru sabiex jeżegwixxu l-Mandat ġewwa r-restaurant La Vela Restaurant fit-22 ta' Settembru 2014 u, wara li ġew rinfaċċjati minn Noel Mifsud li qal illi l-post mhux tiegħu iżda tar-rikorrenti Michelle Muscat, l-Qorti tal-Maġistrati fit-23 ta' Settembru 2014 ordnat il-Mandat, u dana ġie eżegwit fil-fond La Vela Restaurant fit-30 ta' Settembru 2014[4], kif ukoll fil-garage ta' l-intimat Noel Mifsud fis-7 ta' Ottubru 2014.[5]

14. Jirriżulta illi, nelfrattemp, fit-2 ta' Ottubru 2014, ir-rikorrenti Michelle Muscat ippreżentat rikors fl-atti tal-Mandat ta' Qbid, Rikors Nru 331/2014, fejn talbet lill-Qorti "*twaqqaf l-eżekuzzjoni tal-mandat ta' qbid bin-numru 1943/2014 fl-ismijiet surreferiti mill-fond bl-isem La Vela Ristorante.*[6]"

15. Jirriżulta illi fit-23 ta' April 2015, il-Qorti tal-Maġistrati ċaħdet it-talba tar-rikorrenti, u dan billi qalet is-segwenti:

> *Peress illi l-proċeduri odjerni ġew istitwiti fit-2 ta' Ottubru 2014, ossia jumejn wara li l-Mandat in kwistjoni ġie eżegwit ġol-fond La Vela Ristorante, ma hemmx dubju li dawn il-proċeduri jirreferu għall-eżekuzzjoni ġià kompjuta tal-Mandat u għalhekk, jiġi ribadit, it-talba tar-Rikorrenti se mai kellha tkun għar-revoka ta' l-eżekuzzjoni tal-Mandat in kwistjoni in kwantu ġew elevati oġġetti ta' terzi, ossia tagħha, u mhux tad-debitur. Għal kull buon fini jiġi osservat li r-Rikorrenti diffiċilment tista' targumenta li t-talba tagħha għat-twaqqif ta' l-eżekuzzjoni tal-Mandat in kwistjoni hija fi kwalunkwe każ legalment proponibbli in kwantu huwa prinċipju assodat fis-sistema ġuridika nostrali u kristalizzat fil-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili fl-Artikolu 276, applikabbli għall-Mandati ta' Qbid Kawtelatorji bis-saħħa ta' l-Artikolu 843(3) ta' l-istess Kodiċi, li ħadd ma jista' jagħmel oppożizzjoni għall-eżekuzzjoni ta' mandat ħlief wara li tkun saret l-eżekuzzjoni.*
>
> *Huwa ċar għalhekk li kull oppożizzjoni għall-eżekuzzjoni tal-Mandat tista' ssir biss wara l-eżekuzzjoni ta' dak il-Mandat u tali oppożizzjoni meta magħmula minn allegat terz proprjetarju ta' l-oġġetti maqbuda bis-saħħa ta' Mandat ta' Qbid, liema talba għandha tkun għar-revoka ta' l-eżekuzzjoni tal-Mandat, għandha ssir fil-konfront kemm tal-kreditur kif ukoll tad-debitur, ħaġa li, jiġi ribadit, fil-każ in eżami ma saritx.*

16. Jirriżulta illi fit-12 ta' Novembru 2015, ir-rikorrenti intavolat il-proċeduri odjerni, fejn talbet is-segwenti:

    a. Jiġi dikjarat illi l-oġġetti maqbuda u deskritti mill-Marixxalli fit-30 ta' Settembru 2014, huma kollha propjetà tar-rikorrenti Michelle Muscat esklussivament;

[4] Vide fol 11
[5] Vide fol 115-116
[6] Vide fol 126

b. Jiġi revokat il-Mandat ta' Qbid Nru 1943/14 fejn dan jirrigwarda dawn l-affarjiet;

c. Jiġi revokat l-Eżekuzzjoni tal-Mandat ta' Qbid Nru 1943/14 fejn jirrigwarda dawn l-affarjiet u;

d. Jiġu rilaxxjati l-oġġetti kollha maqbuda u deskritti fil-Mandat ta' Qbid Nru 1943/14.

**Provi**

17. Jirriżulta, mill-provi prodotti, illi r-rikorrenti kienet akkwistat mingħand Anthony Bone, l-avvjament tal-ħanut li kien jismu Sapore di Mare, liema akkwist hija għamlet fil-31 ta' Diċembru 2008.

18. Jirriżulta illi dana il-fond huwa mikri unikament lil Michelle Muscat[7], għalkemm l-intimati Cassar jikkontendu illi oriġinalment il-kirja kienet ser tkun lill-kumpanija Noi Tre Co Limited, illi kienet kumpannja ta' l-intimat Noel Mifsud flimkien mar-rikorrenti u terz, ta' nazzjonalita' Taljana.[8]

19. Jirriżulta illi l-proċeduri 72/2014, li ġew deċiżi mill-Bord tal-Kera w eventwalment ikkonfermat mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fit-13 ta' Jannar 2016, ġew intavolati mill-intimati Errol u Violet Cassar unikament fil-konfront ta' Noel Mifsud.[9]

20. Jirriżulta illi r-rikorrenti, Michelle Muscat, qatt ma kienet parti minn tali proċeduri quddiem il-Bord tal-Kera w il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri).

21. Jirriżulta illi l-Mandat ta' Qbid Nru 1943/14, inħareġ, fi kliem l-intimat Cassar stess kif redatti fil-Mandat "*Hekk kif aħjar spjegat fil-proċeduri ppreżentati preċendentement fid-29 ta' Awissu 2014 Avviż Nru 72/2014 GG*"[10], u għalhekk inħareġ abbażi ta' pretensjonijiet illi l-intimati Errol u Violet Cassar kellhom kontra Noel Mifsud BISS.

22. Jirriżulta illi l-intimat Errol Cassar, tul il-proċeduri kollha quddiem dina l-Qorti, u fl-okkażjonijet meta xehed, stqarr illi huwa kien taħt l-impressjoni illi r-restaurant La Vela Restorante kien ta' Noel Mifsud u insista li l-istess Noel Mifsud kien jgħidlu hekk.

23. Jirriżulta wkoll illi l-istess Cassar jistqarr illi r-rikorrenti Michelle Muscat kienet tagħmel pagamenti għall-Noel Mifsud, għal dak li jirrigwarda l-kera tal-garage li dwaru huwa nieda l-proċeduri quddiem il-Bord tal-Kera, u għalhekk huwa kien taħt l-impressjoni illi Noel Mifsud u Michelle Muscat kienu għadhom flimkien.

[7] Vide fol 93
[8] Vide fol 36
[9] Vide fol 45.
[10] Vide fol 111

24. Jirriżulta, illi in sostenn ta' tali argumentazzjoni, l-intimati Cassar ippreżentaw serje ta' Invoices maħruġa fis-sena 2014 intestati lkoll "La Vela Restaurant ATTN: Mr Noel Mifsud"[11], u saħaq li dina kienet indikazzjoni ċara illi l-ħanut kien ta' Noel Mifsud ukoll.

25. Jirriżulta, mill-banda l-oħra, illi Noel Mifsud, fix-xhieda tiegħu quddiem dina l-Qorti, saħaq illi huwa ma għandu ebda negozju mar-rikorrenti Michelle Muscat u illi huwa jieħu ħsieb il-makkinarju tar-restaurant u, għalhekk, jixtri hu mingħand l-aġenti iżda eventwalment jitħallsu minn Michelle Muscat, bħala l-operatur tar-restaurant.[12]

26. Jirriżulta wkoll illi Michelle Muscat, fix-xhieda tagħha, esebiet sejre ta' ċekkijiet maħruġa minnha personalment bejn is-sena 2011 u 2014, lkoll lil C&H Bartoli Limited, in konnessjoni ma' apparat minnha mixtri għall-ħanut La Vela Ristorante.[13]

## <u>Konsiderazzjonijet legali</u>

27. Jirriżulta illi l-Artikolu 525 tal-Kodiċi Ċivili jipprovdi illi:

> *(1) Il-preżunzjoni hija dejjem li kull persuna tippossjedi għaliha nfisha, u b'titolu ta' proprjetà, meta ma jiġix ippruvat li hija bdiet tippossjedi f'isem ta' persuna oħra.*
>
> *(2) Meta persuna bdiet tippossjedi f'isem ta' oħra, jitqies dejjem li hija tippossjedi bl-istess titolu, kemm-il darba ma jkunx hemm prova li turi l-kuntrarju.*

28. Jirriżulta ċar illi l-liġi tippresupponi l-eżistenza tal-pussess u tippreżumi li kull wieħed jippossjedi għalih innifsu u b'titolu ta' proprjeta'. Kif jgħid il-ġurista **Pothier**:

> *"Quantunque il possesso sia un fatto piuttosto che un diritto, tuttavia esso da' al possessore taluni diritti e azioni in rapporto alla cosa che egli possiede. Questi diritti risultano da una presunzione stabilita in favore del possessore che lo fa reputare proprietario della cosa che egli possiede, fino a che essa non e' reclamata dal proprietario, e anche a riguardo del vero proprietario che la reclamasse prima di avere giustificato il suo diritto."*[14]

[11] Vide fol 31 sa 35
[12] Vide fol 81
[13] Vide fol 84 sa 92
[14] Ara F. Laurent, Principii di Diritto Civile (Volum XXXII) paġna 218 para 264.

29. Jirriżulta wkoll illi tali prinċipju ġie kkunsidrat ukoll mill-ġurist **Borsari**, fejn jgħid:

> *"La protezione del possesso dev'essere riposta sulla sua vera base: che e' la conservazione dello stato giuridico apparente quale guarentigia dell'ordine sociale."*[15]

30. Jirriżulta wkoll illi l-Artikolu 529 tal-Kodiċi Ċivili jipprovdi illi:

> *Mill-pussess attwali ma titnissilx preżunzjoni ta' pussess fl-imgħoddi, ħlief jekk il-pussessur ikollu titolu; f'dan il-każ, jekk ma jiġix ippruvat il-kuntrarju, jingħadd li hu kien fil-pussess mid-data tat-titolu.*

31. Jirriżulta ċar, mill-provi prodotti, illi r-rikorrenti Michelle Muscat, ilha sa mill-31 ta' Diċembru 2008, fil-pussess tal-avvjament u ażjenda kummerċjali li tiġġestixxi l-fond La Vela Ristorante, ġewwa l-Imsida Marina, Msida, u, bħala riżultat, hija wkoll fil-pussess tal-oġġetti w makkinarju kollu illi hemm ġewwa tali fond, u dana b'mod esklussiv.

32. Jirriżulta, għalhekk, bl-aktar mod ċar, illi l-oġġetti maqbuda fit-30 ta' Settembru 2014 mill-Marixxalli tal-Qorti [16] u maqbuda bis-saħħa tal-Mandat ta' Qbid Nru 1943/14 maħruġ fuq talba ta' l-intimati konjugi Cassar kontra l-intimat Noel Mifsud, qatt ma setgħu jkunu soġġetti għall tali Qbid, stante illi huma propjetà esklussiva ta' Michelle Muscat, u ħadd ieħor.

33. Għaldaqstant, il-Qorti tqis illi t-talba tar-rikorrenti, hija waħda mistħoqqa u li għandha tiġi akkolta minn dina l-Qorti.

## <u>DEĊIDE:</u>

**Il-Qorti**

Wara illi rat l-atti kollha proċesswali,

Wara illi rat is-sentenza preliminari tal-25 ta' Ottubru 2016 fejn l-ewwel erbgħa eċċezzjonijiet ta' l-intimati Errol u Violet Cassar gew miċħuda,

Tgħaddi biex taqta' l-vertenza li fadal billi

**Tiċħad** il-ħames eċċezzjoni ta' l-intimati Errol u Violet Cassar u għalhekk

**Tilqa'** t-talbiet attriċi kif dedotti, u għalhekk

---

[15] L. Borsari (Commentario Breve del Codice Civile Italiano Volum II paġna 1120)
[16] Vide fol 11

**Tiddikjara** illi l-oġġetti kollha maqbuda fit-30 ta' Settembru 2014 permezz tal-Mandat ta' Qbid Nru 1943/14 fil-fond La Vela Restaurant, Triq ix-Xatt, Pieta, kif redatti fiċ-ċertifikat li jinsab a fol 11 tal-proċess, huma propjetà esklussiva tar-rikorrenti Michelle Muscat,

**Tirrevoka** l-effetti tal-Mandat ta' Qbid Nru 1943/14, fejn dawna jirrigwardaw l-oġġetti maqbuda fit-30 ta' Settembru 2014, kif fuq aħjar deskritt,

**Tirrevoka** l-eżekuzzjoni ta' l-istess Mandat ta' Qbid Nru 1943/14, fejn dawna jirrigwardaw l-oġġetti maqbuda fit-30 ta' Settembru 2014, kif fuq aħjar deskritti; u

**Tordna** ir-rilaxx tal-oġġetti maqbuda fit-30 ta' Settembru 2014, kif fuq aħjar deskritti, b'effett immedjat.

Spejjeż kollha tal-proċeduri odjerni, inkluż dawk tal-intimati Errol u Violet Cassar, ikunu kollha a kariku tal-intimat Noel Mifsud.

**Francesco Depasquale LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Reġistratur**